# Beati u Qaddisin....Lulju

## San Gakbu l-Kbir  25 ta' Lulju

Bhal Xmun Pietru, Indrì, Filippu u Gwanni, li kien huh, kien sajjied minn Betsajda tal-Galilija. Hu u huh Gwanni kienu wlied Zebedew, kif insibuhom imsemmijin fil-Vangelu. Gesù sejjah ghal warajh lil ulied Zebedew meta kienu ma' missierhom fuq ix-xatt tal-ghadira ta' Genesaret isewwu x-xbiek.



Flimkien ma' Pietru dawn kienu l-aktar dixxipli mahbubin u ta' gewwa mal-Mulej, ghaldaqstant insibhuhom f'bosta waqtiet qawwijin tal-hajja ta' Kristu. Kienu ma' l-Imghallem fid-dar ta' Pietru u Indrì meta dan fejjaq il-kunjata ta' Pietru, kienu fid-dar ta' Gajru meta qajjem lil bintu mill-mewt, kienu mieghu wkoll fit-Trasfigurazzjoni u fil-Getsemani. Gesù ta lil ulied Zebedew il-laqam ta' "Bonerges"  (= Ulied ir-Raghad) ghax riedu li Gesù jeqred lis-Samaritani bin-nar talli ma laqghuhx. Kienu huma wkoll, flimkien ma' ommhom, li talbu lill-Mulej jaghtihom l-aqwa zewg postijiet fis-saltna tieghu. Gakbu kien l-ewwel wiehed fost l-Appostli li miet bil-martirju ta' qtugh ir-ras fil-belt qaddisa ta' Gerusalemm fi

zmien Erodi Agrippa I.

Il-fdalijiet tieghu jinsabu fil-Katidral ta' Santiago de Compostela fi Spanja, u hu l-patrun principali ta' dak il-pajjiz.